

32004R0604

L 97/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 604/2004**tad-29 ta' Marzu 2004****dwar il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni rigward it-tabakk, mill-ħsad tal-2000 'il-quddiem**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 2003 dwar l-orgnizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2319/1999 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2636/1999 ta' l-14 ta' Diċembru 1999 dwar il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni rigward it-tabakk mill-ħsad tas-sena 2000 'il quddiem u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1771/93 ⁽³⁾, kien ġie sostanzjalment emendat diversi drabi ⁽⁴⁾. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jkun kodifikat.
- (2) L-informazzjoni li għandha tkun ikkommunikata permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 u r-regolamenti adottati għall-applikazzjoni tiegħu għandhom ikunu stabbiliti.
- (3) Fl-interess ta' amministrazzjoni effiċjenti, din l-informazzjoni għandha tkun miġbura fi gruppi u tabella taż-żmien għandha tkun stabbilita għall-preżentazzjoni tagħha.
- (4) Il-miżuri li hemm provvedimenti dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi I, II u III skond il-limiti taż-żmien mogħtija fihom.

L-informazzjoni għandha tkun ipprovduta għal kull waħda mill-ħsad u għal kull grupp tal-varjetajiet.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jipprovduhom bl-informazzjoni meħtieġa fi ħdan il-limiti taż-żmien rilevanti.

Artikolu 3

L-informazzjoni dwar il-ħażniet miżmuma mill-intrapriżi ta' l-ewwel proċessar għandhom ikunu kkomunikati b'konformità ma' l-Anness III.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 2636/1999 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Romano PRODI

Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 323, tal-15.12.1999, p. 4.

⁽⁴⁾ Ara l-Anness IV.

L-ANNEX I

Informazzjoni li għandha tkun ikkommunikata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju, l-aktar tard, tas-sena tal-ħsad ikkonċernata

Ħsad: L-Istat Membru dikjarant:

Grupp tal-varjetajiet:

	L-Istat Membru tal-produzzjoni (dikjarant)	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:
1. KUNTRATTI TAL-KULTIVAZZJONI				
1.1. Numru tal-kuntratti tal-kultivazzjoni ireġistrati				
1.2. Il-kwantità ta' tabakk (ftunnellati) tal-kontenut ta' l-umidità referut fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2848/98, koperta bil-kuntratti ⁽¹⁾				
1.3. Iż-żona totali koperta bil-kuntratti (f'ettari)				
2. PRODUTTURI				
2.1. In-numru totali tal-produtturi				
2.2. In-numru ta' produtturi li jappartieni fi grupp tal-produtturi li huwa rikonoxxut bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2848/98				
3. L-EWWEL IMPRIŻI TAL-IPPROĊESSAR				
3.1. In-numru ta' l-impriżi ta' l-ewwel ipproċessar li jkunu ikkonkludew kontratti tal-kultivazzjoni				
4. PREZZIJJET				
4.1. Il-prezz massimu għal kull kilogramma kif mifthiem fil-kuntratti tal-kultivazzjoni, fil-munita rilevanti, esklużi t-taxxi u l-levies l-oħrajn. Indika il-kwantità ta' referenza	(fil-munita nazzjonali)	(²)	(²)	(²)
4.2. Il-prezz massimu għal kull kilogramma kif mifthiem fil-kuntratti tal-kultivazzjoni, fil-munita rilevanti, esklużi t-taxxi u l-levies l-oħrajn. Indika il-kwantità ta' referenza				

⁽¹⁾ Din l-informazzjoni tista' tkun emendata qabel it-30 ta' Ġunju tas-sena segwenti ta' dik tal-ħsad sabiex jittieħed qies tal-kwantitajiet koperti bl-amendi għall-kuntratti mwettqa bis-saħħa ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 2848/98.

⁽²⁾ Għal kuntratti bejn żewġ Stati Membri, għandhek tispeċifika il-munita li fiha jkun ġew konklużi.

L-ANNEX II

Informazzjoni li għandha tkun ikkommunikata ta' kull xhar lejn il-Kummissjoni mit-30 ta' Settembru, tas-sena tal-ħsad ikkonċernata

Figuri kumulattivi għall-ħsad ikkonċernat.

Sommarju għandu jkun ikkominikat lejn il-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena segwenti tas-sena tal-ħsad.

Ħsad: L-Istat Membru dikkjarant:

Il-grupp tal-varjetajiet:

Is-sitwazzjoni fl-aħhar jum tax-xahar
li jippreċedi din il-komunikazzjoni.

Ix-xahar ikkonċernat:

	L-Istat Membru tal-produzzjoni (dikkjarant)	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:	L-Istat Membru tal-produzzjoni Isem:
1. Il-kwantità fornuta (f'tunnellatai)				
1.1. Il-kwantità totali ta' tabakk mhux maħdum tal-kwalità minima normali u l-kontenut ta' l-umidità referut fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2848/98 kif fornuta lejn l-impriżi ta' l-ewwel ipproċessar				
1.2. Il-kwantità totali ta' tabakk mhux maħdum tal-kwalità minima normali u l-kontenut ta' l-umidità referut fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2848/98 kif fornuta lejn l-impriżi ta' l-ewwel ipproċessar mill-gruppi tal-produtturi				
2. Kwantitàttwali ta' tabakk mhux maħdum (f'tunnellati) tal-kwalità minima normali fornuta qabel l-aġġustament tal-piż fuq il-bażi tal-kontenut ta' l-umidità				
3. Il-kwantità ikkalkolata li jkun jifdal għall-forniment (f'tunnellati)				
4. Il-prezz medju (kull kg), miżun (2) bil-kwantitajiet fornuti, esklużi it-taxxi u l-levies, imħallsa mill-impriżi ta' l-ewwel proċessar	(fil-munita nazzjonali)	(¹)	(¹)	(¹)

(¹) Għal kuntratti bejn żewġ Stati Membri, għandek tispesifika l-munita li fiha dawn ikunu ġew konklużi.

(²) Il-metodu tal-kalkolazzjoni: (is-somma QL × PP)/QT = il-prezz medju peżat.

QL hija għall-kwantità fornuta kull lott u PP il-prezz tax-xiri għal kull grupp ikkonċernat. QT hija l-ammont totali ta' grupp jew tal-varjetajiet fornuti lill-impriżi ta' l-ewwel ipproċessar.

L-ANNEX IV

Ir-regolament mħassra bl-amendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2636/1999	(ĠU L 323, tal-15.12.1999, p. 4)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1639/2000	(ĠU L 187, tas-26.7.2000, p. 39)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/2001	(ĠU L 57, tas-27.2.2001, p. 16).

L-ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 2636/1999	Dan ir-Regolament
L-Artikoli 1, 2 u 3	L-Artikoli 1, 2 u 3
L-Artikolu 4	—
—	L-Artikolu 4
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Annessi I, II u III:	L-Annessi I, II u III:
—	L-Anness IV
—	L-Anness V